# <u>X’ tgħid il-Bibbja dwar l-aħħar żminijiet? – Marilyn Bellizzi</u>

Ħafna jaħsbu li din id-dinja mhux veru xi darba għad tasal fi tmiemha. Iżda Ġesu Kristu stess tkellem u kkonfermalna li l-aħħar żminijiet iridu jiġu. Huwa qalilna li Hu għad irid jerġa’ jidher fid-dinja għat-tieni darba. Dan insibuh kemm fil-ktieb ta’ Ġwanni kapitlu 14, minn vers 2 sa 3; “U jekk immur u nħejji post għalikom, **nerġa’ niġi**, u nilqagħkom għandi; biex fejn inkun jien, tkunu intom ukoll.”, u anke fil-ktieb ta’ Mattew kapitlu 25 vers 31 u 32; “**Meta Bin il-bniedem jiġi** fil-glorja tiegħu, u l-anġli mqaddsa kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu; u jinġabru quddiemu l-ġnus kollha: u jifridhom minn xulxin, bħalma ragħaj jifred in-nagħaġ mill-gidjien.”

Iżda ħafna jaf jistaqsu: Meta ser isseħħ it-tieni miġja ta’ Ġesu Kristu? Kif ser inkunu nafu li qegħdin fl-aħħar żminijiet? X’tgħid il-Kelma ta’ Alla fuq dan?

Fuq dan is-suġġett, Ġesu Kristu tkellem u qalilna li dawn ikunu indikazzjonijiet li t-tmiem daqt jasal; “**Tisimgħu bi gwerer, u bi xnigħat ta’ gwerer**”, “**ġens iqum kontra ġens, u saltna kontra saltna**”, “**jkun hemm ġuħ, u pesta, u theżiż ta’ l-art f’ħafna postijiet**” (Mattew 24:6-7).

San Pawl ukoll tkellem dwar l-aħħar żminijiet u jgħidilna hekk: “Kun af dan ukoll, illi fl-aħħar jiem jiġu żminijiet imwiegħra. Għax **in-nies ikunu jħobbu lilhom infushom, iħobbu l-flus, faħħarin, kburin, dgħajja, ma jisimgħux mill-ġenituri, ma jroddux ħajr... <u>iħobbu l-pjaċiri aktar milli jħobbu ‘l Alla</u>..**.” (2 Tim 3: 1-4). San Pawl jgħid ukoll li “fl-aħħar żminijiet **x’uħud jitilqu mill-fidi**, billi jagħtu widen għal spirti Qarrieqa, u tagħlim tax-xjaten.” (1 Timotju 4:1)

Dawn l-affarijiet qegħdin nesperjenzawhom kollha fiż-żminijiet ta’ llum. Iżda hawn min jaħseb li aħna mhux qegħdin fl-aħħar żminijiet jew aktar għar, li d-dinja qatt mhu ser tispiċċa, għax jemmen li dan huwa biss għidud tan-nies. Hawn min jaħseb hekk propju għax fiż-żminijiet l-imgħoddija, kienu ħafna li xandru li t-tmiem dalwaqt jasal u peress li dan għadu qatt ma seħħ, issa bħal donnu ħafna jaħsbu li dan qatt mhu ser iseħħ verament. Dan huwa raġunament ħażin. Dan ir-raġunament fih innifsu huwa ukoll sinjal li aħna qegħdin fl-aħħar taż-żmien. Għaliex? Fil-Bibbja insibu hekk; “**għandkom tkunu tafu, li fl-aħħar jiem jiġu nies kollhom tmaqdir, jgħixu skond ix-xewqat ħziena tagħhom, u jgħidu: Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax mindu mietu missirijietna, kollox għadu kif kien fil-bidu tal-ħolqien**.” (2 Pietru 3:3-4)

Għalhekk, dan kollu għandu jkompli jimlina bit-tama li t-tieni miġja ta’ Ġesu qiegħda fil-qrib. Iżda kemm aħna lesti għall-miġja ta’ Ġesu Kristu? Ġesu stess qal: “**Madankollu meta jiġi Bin il-Bniedem, isib fidi fuq l-art?**” (Luqa 18:8). Xi tkun ir-risposta tiegħek għal din il-mistoqsija ta’ Ġesu?

Li jkollok il-fidi ma jfissirx li tgħid li temmen biss, iżda trid tgħix il-fidi, iġifieri tkun lest/a li timxi wara Ġesu u tara li togħġob lilu biss f’dak li tgħid u f’dak li tagħmel. Li timxi wara Ġesu mhix triq faċli imma meta timxi wara Ġesu timxi bit-tama li meta jiġi Hu għat-tieni darba, u jifred lit-tajbin mill-ħżiena, inti tkun man-naħa tat-tajbin biex ikollok ħajja eterna ferm aħjar min dik t’issa, ħajja fil-ġenna mal-Mulej.

## <u>X’inhuma s-sinjali li għad iridu jiġru qabel ma sseħħ it-tieni miġja ta’ Ġesu Kristu?</u>

Sinjali oħra li juru li wasal l-aħħar taż-żmien **jistgħu jkunu** dawn:
a) jerġa’ jinbena t-tempju f’Ġerusalemm
b) tibda ħidma biex niġu dinja waħda bi gvernatur wieħed li jkun jikkmanda hu fuq kull pajjiż.

Dawn li ġejjin huma sinjali **li jeħtieġ iseħħu** (iġifieri dawn li ġejjin ser iseħħu żgur) qabel ma’ Ġesu Kristu jiġi fil-glorja biex jifred it-tajbin mill-ħżiena.

1. Ġesu Kristu jieħu ħdejh lil dawk kollha li jkunu għadhom qed jgħixu fid-dinja u jkunu emmnu fih u mxew warajh. Dan l-avveniment bl-Ingliż huwa imsejjaħ “**Rapture**”. Fil-Bibbja il-kelma “Rapture” ma tissemmiex pero, San Pawl juża l-kelma “**jinħatfu**” u jmorru jgħixu mal-Mulej. Dan huwa dak li jgħid San Pawl f’1 Tessalonkin 4:16-17: “Għax il-Mulej innifsu jinżel b’għajta mis-sema, mal-leħen ta’ l-

arkanġlu, u mat-tromba t'Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel: **Imbagħad aħna l-ħajjin, u li nkunu bqajna, ninħatfu flimkien magħhom fis-sħab**, biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru: u hekk inkunu dejjem mal-Mulej."

Dan iseħħ kollox "f'ħakka ta' għajn" (1 Korintin 15:52) fejn biex ngħid hekk, qisu dawk kollha li jkunu emmnu f'Ġesu, "jisparixxu". Din mhix it-tieni miġja ta' Ġesu Kristu.

2. Allura jekk fir-"rapture", ser jinħatfu biss dawk li jkunu għexu skond il-Kelma ta' Alla u emmnu f'Alla, x'ser jiġri minn dawk li jibqgħu jgħixu f' din id-dinja? Dan ikun żmien ta' kaos, diqa u biża' kbir li qatt fid-dinja ma kien hemm bħalu. Ġesu jiddiskrivi dan iż-żmien hekk: "Iżda jaħasra għan-nisa tqal, u għal dawk li jreddgħu, f'dawk il-jiem! Għax **ikun hemm diqa kbira fuq l-art**, u għadab fuq dan il-poplu... u **jkun hemm egħliem fix-xemx, u fil-qamar, u fil-kwiekeb**; u fuq l-art **diqa tal-ġnus, ma jafux x'sa jagħmlu**; il-baħar u l-imwieġ igħajtu; **in-nies iħosshom ħazin bil-biża', u bl-istennija ta' dak li ġej fuq l-art**: għax **il-qawwiet tas-sema jitheżhżu**." (Luqa 21:23-26). Dawn iċ-ċirkustanzi jwasslu biex persuna fil-poter, tieħu l-okkażżjoni biex tiġi fdata u tingħata qawwa lilu biex imexxi u jkun kap tad-dinja kollha. Iġifieri din il-persuna se tkun tmexxi u tigverna mhux pajjiż wieħed iżda lid-dinja kollha.

3. Din il-persuna fil-Bibbja tiġi rreferuta bħala "l-bhima" jew l-anti-krist (Persuna li jagħmel minn kollox biex ikun flok Kristu, biex jiġi meqjum bħala Alla). L-anti-krist ser jagħmel rabta ma' Iżrael għal 7 snin (dan iż-żmien jissejjaħ żmien it-tribulazzjoni u r-rabta/kuntratt li jagħmel l-anti-krist, tista' tiġi fis-seħħ kemm qabel ir-"rapture" u anke wara r-"rapture"). Ser ikollu saħħa, setgħa u qawwa kbira u ser tkun persuna li jkollha abbilta' kbira u ta' l-għaġeb f'dak li tagħmel. Dan kollu ser ikun possibli għax l-anti-krist ser jingħata qawwa u enerġija minn Satana nnifsu. Minħabba l-għeġubijiet u s-seħer li jibda jagħmel l-anti-krist, ħafna nies jibdew jistgħaġbu bih u jqisuh bħala eroj li qalb dak il-kaos, tagħhom raġġ ta' dawl. Tajjeb inkunu nafu li l-anti-krist mhux ser ikun jidher bħala persuna ħażina għall-bidu u mhux ser jgħid li huwa l-anti-krist, imma jirnexxilu jqarraq b'ħafna. L-anti-krist jista' jkun kemm persuna li qed tgħix illum il-ġurnata, kif ukoll jista' jkun xi ħadd li diġa' miet (jiġifieri Satana jinqeda bix-xbieha ta' xi ħadd li diġa' miet biex jagħti l-impressjoni li din il-persuna reġgħet qamet mill-mewt. Tkun xbieha replika u mhux il-persuna li mietet infisha). Jakkumpanja ukoll lil anti-krist, ser ikun hemm persuna oħra li xogħolha jkun li tikkonvinċi lin-nies biex iqimu lil anti-krist (Rivelazzjoni 13:12). Din il-persuna fil-Bibbja nsibuha bħala l-"Profeta Falz" li jkollha awtorita' daqs l-anti-krist għax bħall-anti-krist, tieħu l-qawwa tagħha mingħand Satana. Tant li l-persuna magħrufa bħala l-profeta falz fl-Iskrittura, tibda tagħmel ħafna "egħġubijiet kbar, saħansitra ġġiegħel in-nar jinżel mis-sema fuq l-art quddiem il-bnedmin. U kienet tqarraq b'dawk li jgħammru fuq l-art bil-mirakli li kellha s-setgħa tagħmel quddiem il-bhima; billi tgħid lil dawk li jgħammru fuq l-art, li għandhom jagħmlu xbieha lill-bhima, li kellha ġerħa bis-sejf, u għexet" (Rivelazzjoni 13:13-14).

4. F'nofs is-7 snin tar-rabta li jkun għamel, l-anti-krist jikser din ir-rabta f'tempju f'Ġerusalem. Huwa hawnhekk li jinkixef min hu tassew l-anti-krist, il-persuna li trid tieħu post Alla u li twassal lil ħafna għat-telfien ta' dejjem. L-anti-krist ikun irid li n-nies iqimu lilu bħala alla. Dan hu dak li nsibu miktub dwar dan fil-Bibbja: "Tħallu l-ħadd minn iqarraq bikom bl-ebda mod: għax dak il-jum (it-2 miġja ta' Ġesu) ma jiġix, jekk l-ewwel ma tiġix il-firda, u jinkixef il-bniedem tad-dnub, bin it-telfien (l-anti-krist); li jmur kontra Alla, u jirtafa' fuq kulma għandu l-isem ta' Alla, jew li hu miqjum; biex bħal Alla joqgħod fit-tempju ta' Alla, billi juri lilu nnifsu li hu Alla." (2 Tessalonkin 2:3-4). Meta dan kollu jseħħ, iġifieri l-anti-krist jidħol fit-tempju ta' Alla u jgħid li hu Alla, min ikun għadu f'din id-dinja (għax ma jkunx ġie "raptured"), jekk jikkalkula, ikun jaf li fadal 3 snin u nofs għat-tieni miġja ta' Ġesu Kristu. Dawn l-aħħar tliet snin u nofs ikunu jiem ferm diffiċli għal dawk kollha li jkunu għadhom ħajjin.

5. L-anti-krist u l-għaqda tiegħu, jibdew joqtlu lil dawk li ma jkunux iridu jagħtuh qima għax jagħrfu li hu mhux Alla. Infatti fil-Kelma ta' Alla nsibu hekk: "ġġieghel li jinqatlu dawk kollha li ma jqimux ix-xbieha tal-bhima. U ġiegħlet li kulħadd, sew żgħar u kemm kbar, sew għonja u kemm foqra, ħelsin u ilsiera, ikollhom marka f'idhom il-leminija, jew fuq ġbinhom: u **li ħadd ma jista' jixtri jew ibigħ, ħlief dak li**

**kellu l-marka, jew l-isem tal-bhima, jew l-għadd ta' isimha**." (Rivelazzjoni 13:15-17). Iġifieri t-tattika ta' l-anti-krist u l-profeta falz ser tkun biex l-anti-krist jieħu post il-Mulej Alla billi jġiegħel lin-nies biex iqimuh. Min ma jaċċetax li jqimu u li jieħu l-marka tiegħu fuq idu l-leminja jew fuq moħħu, għax jinduna li hu l-bniedem li jġib it-telfien, jiġi maqtul. Il-marka tista' tkun xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-flus:
a) għax il-flus hija xi ħaga globali (u ma ninsewx li l-anti-krist ser ikun qed jigverna lid-dinja kollha).
b) kif qrajt diġa', mingħajr il-marka mhux ser tkun tista' tixtri jew tbigħ. Tajjeb inkunu nafu li t-tattika tax-xitan diġa' qiegħda tidħol bil-mod il-mod f'dawn iż-żminijiet ukoll. Diġa' nafu li fuq l-annimali, issa hija obbligatorja li jagħmlulhom iċ-ċippa. Tgħid il-marka ta' l-anti-krist għandha x'taqsam ma' xi tip ta' ċippa? Tgħid tkun taparsi xi teknoloġija ġdida u minflok nużaw il-'Credit Cards' u 'Debit Cards', il-liġi tkun li nagħmlu ċippa fuq idejna? Noqgħodu attenti ħalli ma niġux imqarrqin. L-anti-krist mhux ser jiġi jgħidlek din hija l-marka ta' l-anti-krist, imma juża modi li jqarrquk faċilment! Jekk taċċetta li jkollok il-marka, tkun aċċettajt lil anti-krist bħala alla. Jekk ma taċċettax, joqtluk. Iżda taqtax qalbek, dejjem żomm f'moħħok li dawk l-affarijiet li jibdew jiġru, huma msemmija fil-Bibbja u allura tkun qed tkompli tikkonferma li l-Bibbja hija verita'. La l-Bibbja hija verita', ħares 'il quddiem u ftakar li Ġesu Kristu wiegħed il-ġenna lil dawk li jagħżlu lilU bħala s-Sid ta' ħajjithom. Ftakar li jekk is-setgħa ta' l-anti-krist (jekk tkun għadek fid-dinja għax ma tkunx ġejt "raptured") toqtlok, inti ser tmur dirett ħdejn Ġesu Kristu għall-eternita'. Ħallelujah!

6. Fl-aħħar, il-qawwa dinjija ta' Satana, tilħaq l-għola grad. Lejn l-aħħar ta' żmien it-tribulazzjoni , l-anti-krist jorganizza l-aħħar attakk fuq Ġerusalemm, dan l-attakk huwa msejjaħ bħala l-battalja ta' "Armagedon". Hawnhekk Ġesu Kristu jidher għat-tieni darba fid-dinja u jinżel biex jagħmel ħaqq mill-anti-krist, u l-profeta falz u minn dawk kollha li jkunu għażlu li jieħdu l-marka ta' l-anti-krist u jqimuh. Il-Mulej Ġesu jeqridhom ilkoll.

Punti li tajjeb iżżomm f'moħħok:

a) Qabel ma' jerġa' jiġi Ġesu Kristu fid-dinja, jeħtieġ li sseħħ ir-"rapture" u wara jiġi l-anti-krist.
b) Ġesu Kristu fit-tieni miġja tiegħU, mhux ser jerġa' jiġi jgħix mal-poplu li jkun fid-dinja bħalma għamel 'il fuq minn 2000 sena ilu meta sar bniedem bħalna u miet u qam għall-maħfra tad-dnubietna. Ġesu fit-tieni miġja ġej biss biex jagħmel ħaqq fuq dawk li jkunu għadhom ħajjin, u mhux biex jerġa' jgħix f'din id-dinja. Għalhekk m'għandek qatt temmen lil xi ħadd li jgħid li hu Alla u jkun qed jgħix fuq din l-art.
c) Qatt m'għandek taċċetta li tieħu xi marka f'idejk jew fuq moħħok speċjalment mingħand xi ħadd li jrid jidher bħala Alla, anke jekk din tkun liġi nfurzata.

Iftaħ qalbek għall-Mulej Ġesu llum u ħallieh jidħol f'ħajtek ħalli jmexxik f'dak li tgħid u tagħmel, biex kollox ikun skond ir-rieda Qaddisa tiegħU. Itlob maħfra u għaraf lil Ġesu bħala s-Sid u s-Salvatur tiegħek illum. Agħti ħajtek għal Dak li Hu biss jista' jsalvak u ibda għix mill-ġdid.

Il-Mulej qed isejjaħlek biex tibni relazzjoni miegħU.

J'Alla l-barka tal-Mulej tkun dejjem fuqek.